31999D0392

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-31 ta' Mejju 1999

li tirrikonoxxi fil-prinċipju l-kompletezza tad-*dossiers* issottomessi għal eżami ddettaljat bil-ħsieb ta' l-inklużjoni possibbli taż-*ZA 1296* (mesotrijone), il-*Iodosulfuron-methyl-sodium* (*AEF 115008*), is-*Silthiopham* (*MON 65500*) u l-*Gliocladium catenulatum* fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE li tirrigwarda t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti

(innotifikata fid-dokument numru C(1999) 1400)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(1999/392/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE [1] ta' l-15 ta' Lulju 1991 li tirrigwarda t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/1/KE [2] u b'mod partikolari l-Artikolu 6(3) tagħha,

(1) Billi d-Direttiva 91/414/KEE (minn issa 'il quddiem imsejħa "id-Direttiva") ipprovdiet għall-iżvilupp ta' lista Komunitarja tas-sustanzi attivi awtorizzati sabiex jiġu imdaħħla fi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti;

(2) Billi l-applikanti ssottomettew *dossiers* għal erba' sustanzi attivi lill-awtoritajiet ta' l-Istati Membri bil-ħsieb li jiksbu l-inklużjoni tas-sustanzi attivi fl-Anness I mad-Direttiva;

(3) Billi ġie ssottomess *dossier* għas-sustanza attiva *ZA 1296* (mesotrijone) miż-*Zeneca Agrochemicals* lill-awtoritajiet tar-Renju Unit fit-23 ta' April 1998;

(4) Billi ġie ssottomess *dossier* għas-sustanza attiva *Iodosulfuron-methyl-sodium* (*AEF 115008*) mill-*Hoechst Schering Agrevo GmbH* lill-awtoritajiet Ġermaniżi fl-14 Diċembru 1998;

(5) Billi ġie ssottomess *dossier* għas-sustanza attiva *Silthiopham* (*MON 65500*) mill-*Monsanto Crop Protection* lill-awtoritajiet Irlandiżi fl-14 ta' Diċembru 1998;

(6) Billi ġie ssottomess *dossier* għas-sustanza attiva *Gliocladium catenulatum* mill-*Kemira Agro* Oy lill-awtoritajiet Finlandiżi fid-19 ta' Mejju 1998;

(7) Billi l-awtoritajiet imsemmija indikaw lill-Kummissjoni r-riżultati ta' eżami ta' l-ewwel dwar il-kompletezza tad-*dossier* rigward il-ħtiġiet ta' l-informazzjoni u tat-tagħrif ipprovvduti fl-Anness II u, għal mill-inqas prodott wieħed għall-protezzjoni tal-pjanti li fih is-sustanza attiva interessata, fl-Anness III mad-Direttiva; billi sussegwentement, skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 6(2), id-*dossiers* kienu ssottomessi mill-applikanti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra;

(8) Billi d-*dossiers* dwar iż-*ZA 1296* (mesotrijone), l-*Iodosulfuron-methyl-sodium* (*AEF 115008*), is-*Silthiopham* (*MON 65500*) u l-*Gliocladium catenulatum* kienu rriferiti lill-Kumitat Permanenti tas-Saħħa tal-Pjanti fil-11 Frar 1999;

(9) Billi l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva jeħtieġ li jiġi kkonfermat fil-livell Komunitarju illi kull *dossier* għandu jitqies li jissodisfa fil-prinċipju l-ħtiġiet ta' l-informazzjoni u t-tagħrif ipprovduti fl-Anness II u, għal mill-inqas prodott wieħed għall-protezzjoni tal pjanti li jkun fih is-sustanza attiva interessata, fl-Anness III mad-Direttiva;

(10) Billi din il-konferma hija meħtieġa sabiex jiġi segwit l-eżami ddettaljat tad-*dossier* kif ukoll biex tinfetaħ il-possibbiltà għall-Istati Membri li jikkonċedu awtorizzazzjoni proviżorja għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li jkun fihom din is-sustanza attiva b'rigward xieraq tal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 8(1) tad-Direttiva, u b'mod partikolari l-kondizzjoni li ssir stima ddettaljata tas-sustanzi attivi u tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti rigward il-ħtiġiet tad-Direttiva;

(11) Billi din id-Deċiżjoni ma tippreġudikax illi jistgħu jintalbu iktar informazzjoni u tagħrif minn għand l-applikant meta jkun jidher matul l-eżami ddettaljat illi din l-informazzjoni jew dsn it-tagħrif ikunu meħtieġa għabiex tiddieħed Deċiżjoni;

[1] ĠU L 230, tad-19.8.1991, p. 1.
[2] ĠU L 21, tat-28.1.1999, p. 21.

(12) Billi huwa mifhum bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni illi r-Renju Unit irid isegwi l-eżami ddettaljat tad-*dossier* dwar iż-*ZA 1296* (mesotrijone), illi l-Ġermanja trid issegwi l-eżami ddettaljat tad-*dossier* dwar il-*Iodosulfuron-methyl-sodium* (*AEF 115008*), illi l-Irlanda trid issegwi l-eżami ddettaljat tad-dossier dwar is-*Silthiopham* (*MON 65500*), u li l-Finlandja trid issegwi l-eżami ddettaljat tad-*dossier* dwar il-*Gliocladium catenulatum*;

(13) Billi r-Renju Unit, il-Ġermanja, l-Irlanda u l-Finlandja jridu jirrapportaw il-konklużjonijiet ta' l-eżamiijiet tagħhom akkumpanjati b'kull rakkomandazzjoni dwar l-inklużjoni jew in-nuqqas ta' l-inklużjoni u ta' kull kondizzjoni li għandha x'taqsam magħhom lill-Kummissjoni malajr kemm jista' jkun u mhux iktar tard minn perjodu taż-żmien ta' sena; billi meta dan ir-rapport jiġi rċevut irid jissokta l-eżami ddettaljat bil-kompetenza ta' l-Istati Membri fil-qafas tal-Kumitat Permanenti tas-Saħħa tal-Pjanti;

(14) Billi l-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti tas-Saħħa tal-Pjanti,

ADDOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-*dossiers* li ġejjin jissodisfaw fil-prinċipju l-ħtiġiet ta' l-informazzjoni u tat-tagħrif ipprovvduti fl-Anness II u, għal mill-inqas għal prodott wieħed tal-protezzjoni tal-pjanti li jkun fih is-sustanza attiva interesata, fl-Anness III mad-Direttiva, filwaqt li jitqiesu l-użi proposti:

1. Id-*dossier* sottomess miż-*Zeneca Agrochemicals* lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri bil-ħsieb li jiġi inkluż iż-*ZA 1296* (mesotrijone) bħala sustanza attiva fl-Anness I mad-Direttiva 91/414/KEE u li kien irriferit lill-Kumitat Permanenti tas-Saħħa tal-Pjanti fil-11 ta' Frar 1999.

2. Id-*dossier* sottomess mill-*Hoechst Schering Agrevo GmbH* lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri bil-ħsieb li jiġi inkluż il-*Iodosulfuron-methyl-sodium* (*AEF 115008*) bħala sustanza attiva fl-Anness I mad-Direttiva 91/414/KEE u li kien irriferit lill-Kumitat Permanenti tas-Saħħa tal-Pjanti fil-11 ta' Frar 1999.

3. Id-*dossier* sottomess mill-*Monsanto Crop Protection* lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri bil-ħsieb li jiġi inkluż is-*Silthiopham* (*MON 65500*) bħala sustanza attiva fl-Anness I mad-Direttiva 91/414/KEE u li kien irriferit lill-Kumitat Permanenti tas-Saħħa tal-Pjanti fil-11 ta' Frar 1999.

4. Id-*dossier* sottomess mill-*Kemira Agro Oy* lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri bil-ħsieb li jiġi inkluż il-*Gliocladium catenulatum* bħala sustanza attiva fl-Anness I mad-Direttiva 91/414/KEE u li kien irreferit lill-Kumitat Permanenti tas-Saħħa tal-Pjanti fil-11 ta' Frar 1999.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fil-31 ta' Mejju 1999.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni